*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,393, 18 ta' Frar, 2025*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru III tal-2025**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, Kap. 420.**

**ACT No. III of 2025**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the International Protection Act, Cap. 420.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
**President**

18 ta' Frar, 2025

**ATT Nru III tal-2025**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, Kap. 420.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali". Titolu fil-qosor u għan. Kap. 420.

(2) L-għan ta' dan l-Att hu li jittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni).

**2.** Il-proviso għas-subartikolu (3) tal-artikolu 17A tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar. Emenda tal-artikolu 17A tal-Att prinċipali.

**3.** Minnufih wara s-subartikolu (3) ta-artikolu 22 tal-Att Emenda tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali.

prinċipali għandu jiġi miżjud dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3a) L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat, jekk ir-rappreżentazzjoni ħażina jew l-ommissjoni ta' fatti tagħhom, inkluż l-użu ta' dokumenti foloz, kienet deċiżiva għall-għoti ta' status ta' protezzjoni sussidjarja.".

Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

**4.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Persuna li tfittex protezzjoni internazzjonali f'Malta skont l-artikolu 8 għandha tiġi eżaminata taħt proċeduri aċċellerati skont dan l-artikolu meta l-applikazzjoni tagħha tidher li hija manifestament infondata.".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

**5.** Minnufih wara l-artikolu 23A tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Applikazzjonijiet infondati.
L.S. 420.07.

23B. Bla ħsara għar-regolament 13 tar-Regolamenti dwar l-*Istandards* ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tista' tqis applikazzjoni bħala infondata biss jekk tkun stabbiliet li l-applikant ma jikkwalifikax għall-protezzjoni internazzjonali:

Iżda l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tqis applikazzjoni bħala manifestament infondata, jekk tkun stabbiliet li l-applikant ma jikkwalifikax għall-protezzjoni internazzjonali, u li l-applikazzjoni taqa' taħt it-tifsira ta' "applikazzjoni manifestament infondata" fl-artikolu 2.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 310 tat-12 ta' Frar, 2025.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

ELEANOR SCERRI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

**(L.S.)** **MYRIAM SPITERI DEBONO**
**President**

18th February, 2025

## ACT No. III of 2025

*AN ACT to amend the International Protection Act, Cap. 420.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent to the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title and scope.

Cap. 420.

**1.** (1) The short title of this Act is the International Protection (Amendment) Act, 2025 and this Act shall be read and construed as one with the International Protection Act, hereinafter referred to as the "principal Act".

(2) The scope of this Act is to transpose the provisions of Directive 2013/32/EU of the European Parliament and of the Council of 26 June 2013 on common procedures for granting and withdrawing international protection (recast).

Amendment of article 17A of the principal Act.

**2.** The proviso to sub-article (3) of article 17A of the principal Act shall be deleted.

Amendment of article 22 of the principal Act.

**3.** Immediately after sub-article (3) of article 22 of the principal

Act there shall be added the following new sub-article:

> "(3a) The International Protection Agency shall revoke, end or refuse to renew the subsidiary protection status of a third-country national or stateless person, if their misrepresentation or omission of facts, including the use of false documents, was decisive for the granting of subsidiary protection status.".

Amendment of article 23 of the principal Act.

**4.** Sub-article (1) of article 23 of the principal Act shall be substituted by the following new sub-article:

> "(1) A person seeking international protection in Malta in terms of article 8 shall be examined under accelerated procedures in accordance with this article when his application appears to be manifestly unfounded.".

Addition of new article to the principal Act.

**5.** Immediately after article 23A of the principal Act there shall be added the following new article:

"Unfounded applications. S.L. 420.07.

> 23B. Without prejudice to regulation 13 of the Procedural Standards for Granting and Withdrawing International Protection, the International Protection Agency may only consider an application to be unfounded, if it has established that the applicant does not qualify for international protection:
>
> Provided that the International Protection Agency shall consider an application to be manifestly unfounded, if it has established that the applicant does not qualify for international protection, and that the application falls under the definition of "manifestly unfounded" in article 2.".

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 310 of the 12th February, 2025.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

ELEANOR SCERRI
*Clerk of the House of Representatives*

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**